Għajnsielem

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA` KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 17 – Il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-3.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Abela | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-laqgħa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti numru 16, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku**

   - 22 ta' Mejju – seduta fil-qorti fuq il-każ tal-*litterbin* quddiem il-Każin tal-Football. Is-SE qalet li x'ħin kienet qed tistenna li jinstema l-każ, ġiet avviċinata mill-Avukata ta' Sammy Pace u Kevin Farrugia biex il-każ jiġi diferit u tul dak iż-żmien isir ftehim fuq il-ħlas bejn il-Kunsill u s-Sinjuri Farrugia u Pace. Is-SE aċċettat li l-każ jiġi diferit u sar ftehim biex issir laqgħa mal-Avukata u mas-Segretarju Eżekuttiv biex jiġi diskuss aktar dan il-każ. Il-laqgħa saret nhar il-5 ta' Ġunju, fejn attenda s-Sindku flimkien mas-SE, u kien hemm preżenti wkoll s-Sur Sammy Pace. Is-Sur Kevin Farrugia ma rrispondix

t-telefonati u l-sms tal-avukata u għalhekk ma kienx preżenti. L-avukata tas-Sur Pace pproponiet li l-klijent tagħha jħallas il-Kunsill bin-nifs l-ammont dovut sas-smigħ tal-każ. Il-Kunsill qabel li jitħallas l-ammont ta' kemm inxtara dan il-*litterbin* mingħand is-Sinjuri Pace u Farrugia u li dawn iħalsu bin-nifs sas-smigħ tal-każ.

- 24 ta' Mejju – sar rapport ta' ħajt imwaqqa' quddiem il-Knisja tal-patrijiet. Dan ġie rranġat mic-CMU
- Saret laqgħa bejn il-Kunsill u r-residenti fit-Triq Cordina rigward il-permess tal-farm t'Anġolina fl-Uffiċċju tal-Kunsill. F'din il-lagħqa s-Sindku qal li l-Kunsill kien għamel is-sottomisjonijiet tiegħu lill-MEPA, fejn ma kienx qed jaqbel ma dan it-tip ta' permess. Is-Sindku qal li minkejja dan, il-Kunsill ma kienx irċieva l-ebda risposta minn naħa tal-Board. Tul din il-laqgħa, il-Kunsill sema' l-ilmenti tar-residenti u assigura lir-residenti li l-Kunsill se jerġa jibgħat ittra oħra b'dawn l-ilmenti lill-MEPA. Is-Sindku informa lill-preżenti li l-Board tal-MEPA fuq din l-applikazzjoni kien iltaqa fit-18 ta' Ġunju 2013, fejn dan ġie deferit propju minħabba l-irregolaritajiet ġustifikati li kien semma' l-Kunsill fit-tieni ittra li kien bagħat lill-Board.
- 31 ta' Mejju – laqgħa mal-Ministru tat-Transport Onor. Joe Mizzi, fejn hu lest li jgħin lill-Ministru għal-Għawdex fil-bżonnijiet t'Għawdex. Is-Sindku semma' l-*speed camera* tat-Triq Mġarr, fejn il-Ministru reġa' talab għal-kopja tal-ittra li ntbagħtet kmieni din is-sena. L-ittra intbagħtet lill-Ministru.
- Laqgħa mal-Onor. Josè Herrera – is-Sindku semma' l-applikazzjoni tal-proġett Ta' Passi, fejn ġie mitlub biex jibgħat il-korrispondenza kollha mal-MEPA lill-Onor. Herrera. Is-SE bagħtet ir-rendikont tal-korrispondenza li seħħet.
- Laqgħa tas-Sindki – is-Sindku u l-viċi Sindku attendew għal din il-laqgħa li saret fil-Hotel Calypso.
- 4 ta' Ġunju – saret preżentazzjoni ta' xi kotba lill-istudenti tar-raba' sena u tal-ħames sena tal-Iskola Primarja t'Għajnsielem b'tifkira tas-Sette Gunio.
- 6 ta' Ġunju – prezentazzjoni tal-finalasti tat-*tournament* tal-isnooker fil-Kazin tal-Banda.

- 11 ta' Ġunju – ittra mingħand il-perit Shawn Micallef indirizzata lis-Sindku rigward il-gandott li hemm fit-Triq Malta, li huwa ta' periklu għar-residenti li joqogħdu fil-viċin. Is-Sindku diġà kellem lill-Perit Scerri fuq il-każ u talab għal suġġeriment. Hu qal li kien kellem ukoll lill-perit Shawn biex isir xi tip ta' rimedju, bħal grada, sabiex jitneħħa il-periklu.
- Konferenza stampa fuq it-tindif tal-Wied ta' Simirat fejn kien preżenti l-Ministru għal-Għawdex, Onor. Anton Refalo kif ukoll id-direttur tal-Eco Gozo.
- Ittra mingħand Bianchi Advocates rigward inċident li ġara fit-Triq Lourdes, fejn trailer tal-Gozo Express kisser siġra li waqgħet fuq xi vetturi li kienu pparkjati fuq il-post. Is-Sindku qal li ma jarax kif l-Kunsill daħal f'din il-kwistjoni, għaliex dan il-każ ġara aktar minn xahrejn ilu, u l-Kunsill issa ġie nfurmat. Ir-rapport tal-pulizija jidher ċar li s-sigra ma waqgħetx waħedha, iżda ġiet milqutha mit-trailer. L-avukata tal-Kunsill għandha tirrispondi din l-ittra.
- Risposta mill-EUPA rigward l-applikazzjoni tal-*Youth in Action* fejn infurmaw lill-Kunsill li l-applikazzjoni ma ġietx aċċettata. Il-Kunsill xorta qabel li jħallas l-akkomodazzjoni lill-grupp li ġej min Tolfa, skont kif kien miftiehem bejn il-Kunsill fil-laqgħat preċidenti.
- *E-mail* mill-Ufficcju tat-*Trades* – talab għal opinjoni tal-Kunsill biex s-Sur Alfred Mercieca jirregolarizza dan il-permess tal-bejgħ tal-ġelat fil-port tal-Mġarr. Is-Sindku spjega l-każ fejn informa lill-preżenti wkoll li huwa għandu konflitt t' interess f'dan il-każ u ma kienx ser jivvota. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni biex is-Sur Mercieca jirregolarizza dan il-permess.
- *E-mail* minn TM biex fil-Pjazza Martin Garzes fiż-Żewwieqa isir *double yellow line* – il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.
- Invit għal-prezentazzjoni taċ-ċertifikati lill-membri tat-*team* tar-Redcoats – se tkun nhar 3 ta' Lulju fit-8.00pm fil-Kazin tal-Football.
- TM – applikazzjoni għal-*reserved parking* tas-Sur Anthony Grech fit-Triq Gleneagles ġiet approvata.
- Ittra mill-AKL – talbu għal żoni biex isir tħawwil ta' siġar fil-lokalità. Il-Kunsill qabel li s-siġar jitħawlu fit-Triq il-Bwier, miċ-cimiterju l-fuq.

- Stima biex jitranġa l-ħajt tal-appoġġ tal-Għajn tal-Hasselin mingħand Jesmond Xuereb – €713.90. Il-Kunsill qabel li Jesmond Xuereb jieħu ħsieb dan ix-xogħol.
- Talba mill-assoċċjażżjoni ANSEK biex il-Kunsill jissieħeb membru– il-Kunsill qabel li dan isir.
- Kors organizzat mill-ANSEK fuq *Accounts* tal-Kunsilli Lokali – Is-SE spjegat li hija tixtieq tattendi, u l-Kunsill qabel li jitħallas l-ammont ta' €60 għal dan il-kors.
- Talba minn għand l-ex Kunsillier, is-sur Joe Camilleri, biex fuq l-plakka tal-inawgurazzjoni tal-Għajn tal-Hasselin ikun inkuż ismu mal-ismijiet tal-Kunsilliera preżenti – il-Kunsill qabel li jittieħed parir mid-Dipartiment tal-Protocol.
- Talba biex jinfetaħ ħanut fi Triq Perellos għax-xahar sħiħ t'Awwissu u permess għal imwejjed u siġġijiet għal-festa – is-SE spjegat li l-Kunsill ma jistax joħroġ permessi ta' xahar sħiħ. Il-Kunsill qabel iżda, li jista' jsir permess ta' bar għal festa fuq il-bankina u jingħata permess t'imwejjed u siġġijiet fuq il-bankina wara li tingħalaq it-triq.
- Ittra mingħand Joseph Scicluna, fejn ta rendikont tal-ispejjeż li għandhom it-team tas-*softball* biex isiru l-attivitajiet pjanati għal din is-sena. Il-Kunsill approva li jixtraw it-*tophies* għal din l-attività, li jammontaw għal madwar €150 u l-ispejjeż tal-posta.
- Ittra anonima li waslet id-Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn prattikament tgħid li s-SE qegħdha timxi b'mod illegali rigward l-użu tal-*mobile* tal-Kunsill, l-istess mobile li kien approva l-Kunsill stess f'Settembru 2012. Is-SE stqarret li hija ddispjaċuta ħafna li xi ħadd kiteb dik l-ittra, għaliex hija dejjem ħadmet għall-aħjar tal-Kunsill kollu, u kif timxi bl-aktar mod effiċjenti. Madanakollu, hija rrispondiet din l-ittra lid-Dipartiment, fejn tat provi li l-ittra kien fiha ħafna gideb. Hija qalet li d-Dipartiment irrisponda l-ittra tagħha fejn qal li kien sodisfat b'din ir-risposta. Id-Dipartiment kiteb ukoll li huwa konxju li l-Kunsill ma kellux linja gwida fuq xiex jimxi f'dan ir-rigward u talab lill-Kunsill

biex x'ħin toħroġ il-MEMO fuq l-użu tal-mobile l-Kunsill għandu jimxi magħha. Il-Kunsill qabel li jsir hekk.

**4. Ftuħ tal-Offerti:**

Infetħu l-offerti ta:

1. *Tender for the design, manufacture and installation of stainless steel or hot-dipped galvanised wrought iron stairs at Għajn tal-Hasselin, Għajnsielem.*
   - Edwin Ciantar: €6,218.00 jew €4,918.00
   - Steel Structures: €8,817.85 jew €7,892.00
2. *Tender for the Supply, Installation, Testing and Commissioning of Mechanical and Electrical services at the Għajn tal-Hasselin in Pjazza tad-Dehra, Għajnsielem.*
   - Richard Cauchi: €11,358.68
   - Rapa Showroom Co. Ltd: €10,780.04
   - Central Power Installations Ltd: €11,120.50
3. *Tender for the Resurfacing of Triq Għajnsielem and part of Triq Hamri with hot rolled asphalt.*
   - Road Construction: €108,042,07 + €90,127.50
   - Gatt Tarmac: €108,156,40 + €90,300.27

Il-Kunsill iddecieda li jgħaddi l-kopji ta' dawn l-offerti lill-Perit Scerri u lill-Engineer Galea Curmi għall-evalwazzjoni. Il-Kunsill għazel ukoll li juża materjal ta' ħadid u mhux *stainless steel* għat-taraġ fl-Għajn tal-Hasselin.

**5. Għajnsielem Fest**

Is-Sindku qal li Għajnsielem Fest ilu ma jsir dawn l-aħħar sentejn, bir-raġuni li l-Arċipriet ma tax permess li dan isir fuq il-Pjazza Madonna ta' Loreto. Is-sena l-oħra, il-Kunsill kien qabel li din is-sena jsir fit-Triq J.F. de Chambray, quddiem il-każini tal-football u Banda. Stephen xorta ssuġġerixxa li tintbagħat ittra lill-Arċipriet fejn jintalab permess biex isir fuq il-Pjazza. Franco qabel ma dan ukoll. Is-Sindku u Peter ma qablux ma dan u wara diskussjoni bejn il-preżenti ġie deċiż li ma jintalab l-ebda permess lill-Arċipriet u l-Fest jsir fit-Triq J.F. de Chambray.

Id-data tkun il-Hamis 22 t'Awwissu, fejn il-Kunsill qabbad lis-SE tieħu ħsieb li tibbukja l-palk, *sound* u dwal. Ġie deċiz li s-siġġijiet u t-taqbid tad-dwal jittieħdu mil-Kazini tal-banda u l-Football. Il-Kunsill qabel li jgħid lill-Gianluca Bezzina u talent mir-raħal biex jieħdu sehem f'din is-serata u jippreżentaw Ġorġ u Pawlu.

## 6. Permessi tal-*kiosks* tal-Festa

Is-SE qalet li tul ix-xahar li ġej jinħarġu l-avviżi għal permess tal-*kiosks*. Hija fakret li is-sena l-oħra l-Kunsill kien iddeċieda li jżomm xi garanzija mal-ħruġ tal-permess. Il-Kunsill issuġerixxa li mal-permess jinħareg kundizzjoni li kull *kiosk* ikollu *bins.*

## 7. Laqgħa ma Sandro Spiteri u Johnatan Grech

Proposta għall-attività ta' festival fix-Xatt l-Aħmar, il-Hadd f'Settembru, mis-2.00 sal 11.00pm. Din l-attività tkun irreklamata m'Għawdex kollu. Is-Sinjuri Spiteri u Grech qed jitolbu permess ta' din l-attività mill-Kunsill, fejn dawn l-organizzaturi se jgħinu lill-għaqdiet tar-Raħal, billi jagħtu donazzjoni mill-profitt li jsir.

Is-Sindku semma li l-Kunsill għadu kif kellu talba oħra simili għall-permess t'attività fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar, fejn il-Kunsill iddeċieda li ma jagħtix dan il-permess. Is-Sindku semma ukoll li l-Kunsill għaddej bl-applikazzjoni għall-permess tax-Xatt l-Aħmar, u għalhekk il-Kunsill ma jixtieqx li jibdew isiru dawn l-attivitajiet qabel joħroġ il-permess mil-MEPA għax din tista toħroġ xi kundizzjoni biex ma jsirux dawn it-tip t'attivitajiet. Il-Kunsill qabel li sakemm joħroġ dan il-permess, aħjar ma jsirux attivitajiet bħal dawn.

## 8. Attvitajiet fil-Pjazzetta fix-Xatt

Larry issuġġerixxa li f'dik il-pjazzetta jsiru xi attivitajiet tas-sajf. Larry tkellem mal-uffiċċju tal-Kultura, fil-Ministeru għal-Għawdex u dawn lesti li jgħinu, saħanistra anke lesti li għas-sena d-dieħla jieħdu ħsieb li jorganizzaw attivitajiet kulturali hemmhekk. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Enġiniera tal-Enemalta u l-Ministeru biex jiġu nstallati 2 *floodlights* biex jixgħelu din il-pjazzetta.

**9. Customare Care**

- Issir bankina oħra ma dik ezistenti peress li hi għolja ħafna, b'kurduna tas-6 pulzieri mat-tul tal-bankina quddiem il-kazin tal-football – approvata.
- Bankijiet ta' Eco Gozo li qegħdin miftugħin f' Ta Passi biex jitpoġġew fuq it-terrazzin tal-Każin tal-Football u tal-Banda. Franco Ciangura qal li dawk huma tal-Fondazzjoni, iżda hu ma jsib l-ebda problema li tul is-sajf jiġu mselfa lill-każini. Madanakollu, għandha issir diskussjoni mal-Fondazzjoni fuq dan.
- Issir tabella 'Tarmix Żibel', bl-Ingliż biex teħel fit-Triq Cordina - approvata

**10. Materji Oħra**

Franco Ciangura

- isir sotto kumitat bejn l-għaqdiet kollha tar-raħal biex ikunu jistgħu jtellgħu attivitajiet flimkien. Il-Kunsill qabel ma dan.
- Jitlob li jiġi skużat fil-laqgħa preċedenti peress li ma kienx jiflaħ – il-Kunsill qabel
- *Litter bin* fuq l-Belvedere quddiem il-Grand Hotel maħruq – ninfurmaw lis-CMU.
- Issir *stop sign* fit-Triq Borg Għarib, kantuniera mat-Triq Bengħazi – nitolbu parir minn TM.
- Suġġeriment li jsir kors tal-kompjuter għar-residenti – il-Kunsill qabel li jitkellem mall-Kunsilli tan-Nadur u Qala biex isir kors wieħed flimkien.
- Jiġi ffurmat Kunsill taż-Żgħażagħ – is-SE qalet li fis-sena 2010, il-Kunsill ħareġ avviż għall-applikazzjoni għaż-żgħażagħ tar-raħal iżda ħadd ma kien applika. Il-Kunsill iddeċieda li jerġa jinħareġ avviż fuq il-Bullettin.

Larry Buttigieg

- Irringrazzja lill-Kunsill tas-support u kollaborazzjoni għat-*tournament* tal-isnooker.
- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – is-SE informat li l-kuntrattur għamel il-permess tat-*trenching*.
- Biex teħel malajr kemm jista' jkun il-*platform* fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar.
- Jitnadfu l-bankini fil-Pjazza Independenza.

- Jekk il-Kunsill irċeviex risposta mingħand il-MEPA fuq l-installazzjoni ta' *info boards* fuq Kemmuna – Is-SE qalet li għandha il-kuntatti ta' min jista' jgħin lill-Kunsill f'dan il-permess.
- Titwitta Triq il-Provigarju – niktbu lic-CMU.
- Isir tnaddif tal-alka mix-Xatt l-Aħmar minn xi għaqda fir-raħal – il-Kunsill approva li jħallas €400 lill-Għaqda tal-Armar biex isir dan ix-xogħol.

Peter Caruana

- Isir tiżbir tal-palm fuq il-Belvedere fit-Triq Ħamri.
- Bozoz fil-Pjazza Madonna ta' Loreto maħruqin
- Tinxtara bandla sempliċi għall-*playingfield* Father Bern Hersey – is-SE se tieħu ħsieb iġġib stima

Stephen Mercieca

- Issir il-ħarġa għat-*trade fair* bħas-snin l-imgħoddija – il-Kunsill qabel li jħallas l-ispejjeż għat-transport miċ-Cirkewwa u lura.

**Tmiem il-laqgħa**

Wara li kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Lulju fis-6.00 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa magħluqa fit-8.30pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv